MALTA

**QORTI ĊIVILI**

**PRIM'AWLA**

**ONOR. IMĦALLEF**

**LAWRENCE MINTOFF**

**Seduta tas-16 ta' Diċembru 2015**

Rikors Maħluf Numru: 1037/2015LM

**Cassar Ship Repair Ltd (C6929)**

**vs**

**M.V. Tiuboda**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf tas-soċjetà attriċi **Cassar Ship Repair Ltd** (minn issa "is-soċjetà attriċi) ippreżentat fit-3 ta' Novembru, 2015 fejn Anthony Cassar rappreżentant tagħha kkonferma bil-ġurament u għar-raġunijiet imfissra ġie mitlub li din il-Qorti:

1. *Illi l-esponenti tinsab kreditriċi tal-bastiment konvenut fis-somma ta' mitejn u tmienja u għoxrin elf sitt mija u tlettax-il euro u sittin ċenteżmu (€228,613.60), bilanċ tal-prezz, inkluż il-VAT, ta' xogħlijiet, riparazzjonijiet u servizzi eżegwiti u mogħtija lill-istess bastiment M.V. Tiuboda fuq inkarigu tar-rappreżentanti tiegħu, kif jidhru dettaljati fl-invoices u s-sales statement annessi bħala Dok A u B rispettivament;*

2. *Illi minkejja li l-fattura ntbagħtet lir-rappreżentanti tal-bastiment, u inoltre l-esponenti interpellat diversi drabi lill-istess bastiment sabiex iħallas il-bilanċ hekk dovut, huwa baqa' inadempjenti;*

3. *Illi jeżistu l-elementi kollha preskritti bid-dispożizzjonijiet tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili (Kap 12) sabiex din il-kawża tiġi deċiża bid-dispensa tas-smigħ tagħha billi d-dejn fuq imsemmi huwa ċert, likwidu u skadut u fil-fehma tal-esponenti l-bastiment konvenut ma għandu ebda eċċezzjoni xi jressaq kontra t-talba għall-ħlas tal-ammont imsemmi;*

*Għaldaqstant, l-esponenti talbet li din il-Qorti jogħġobha:*

*(i)* *tiddeċiedi skond it-talba bid-dispensa tas-smigħ tal-kawża għat-tenur tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili; u*

*(ii)* *konsegwentement tikkundanna lill-bastiment konvenut iħallas lill-esponenti s-somma ta' €228,613.60, bilanċ tal-prezz ta' xogħlijiet, riparazzjonijiet u servizzi eżegwiti u mogħtija lilu kif fuq ingħad.*

*Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-mandat ta' arrest ta' bċejjeċ tal-baħar ippreżentat kontestwalment ma' dan ir-rikors ġuramentat u bl-imgħaxijiet kummerċjali sad-data tal-effettiv pagament, kontra l-bastiment konvenut.*

Rat il-verbal tagħha tas-6 ta' Novembru 2015 li permezz tiegħu, wara li rat l-artikolu 167 et. seq. tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta appuntat il-kawża għas-seduta tat-3 ta' Diċembru 2015 fid-9.30 a.m. b'ordni lill-konvenut biex jidher f'dik il-ġurnata u jwieġeb għat-talba tal-attur u fin-nuqqas, il-Qorti tgħaddi biex tiddeċiedi minnufih il-kawza billi tilqa' t-talbiet tas-soċjetà attriċi;

Rat l-affidavit ta' Anthony Cassar kif ukoll ix-xhieda orali tieghu (a fol 20 u 21) tal-proċess.

Rat id-dokumenti esebiti mis-soċjetà attriċi;

Rat li fis-seduta tat-3 ta' Diċembru 2015 il-bastiment konvenut **M.V. Tiuboda** (minn issa 'l quddiem "il-bastiment konvenut") għalkemm debitament notifikat ma deher ħadd biex jirrappreżentah f'dawn il-proċeduri.

Rat il-verbal tal-istess seduta fejn jirriżulta li l-kawża ġiet differita għal-lum għas-sentenza.

Peress illi s-soċjetà attriċi rnexxielha tipprova għas-sodisfazzjon ta' din il-Qorti sal-grad rikjest mil-liġi illi t-talbiet tagħha huma ġustifikati u għandhom jintlaqgħu.

**Decide**

**Fil-kontumaċja tal-bastiment konvenut:**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' t-talbiet tas-soċjetà attriċi u dan billi:**

**(1) Taqta' u tiddeċiedi dina l-kawża bid-dispensa tas-smigħ, ai termini tal-artikoli 167 *et sequitur* tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;**

**(2) Tilqa' t-talba attriċi u tiddikjara lill-bastiment konvenut debitur tas-soċjetà attriċi fis-somma ta' mitejn u tmienja u għoxrin elf sitt mija u tlettax-il euro u sittin ċenteżmu (€228,613.60), bilanċ tal-prezz, inkluż il-VAT, ta' xogħlijiet, riparazzjonijiet u servizzi eżegwiti u mogħtija lill-istess bastiment M.V. Tiuboda fuq inkarigu tar-rappreżentanti tiegħu;**

**(3) Tikkundanna lill-istess bastiment konvenut iħallas lis-soċjetà attriċi l-ammont ta' mitejn u tmienja u għoxrin elf sitt mija u tlettax-il euro u sittin ċenteżmu (€228,613.60);**

**Bl-ispejjeż kollha inklużi dawk tal-mandat ta' arrest ta' bċejjeċ tal-baħar ippreżentat kontestwalment ma' din il-kawża u bl-imgħaxijiet kummerċjali**

**mid-data tat-tlestija tax-xogħlijiet sad-data tal-effettiv pagament, kontra l-bastiment konvenut.**

Moqrija

--------------------TMIEM---------------------